

DEĊIJONI TAL-KUNSILL 2011/867/PESK**tal-20 ta' Diċembru 2011****li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(6) Id-Deċiżjoni 2011/137/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Billi:

- (1) Fit- 28 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ⁽¹⁾, sabiex, *inter alia*, jimplimenta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjoniet Uniti (UNSCR) 1970 (2011).
- (2) Fit-23 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/178/PESK ⁽²⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK sabiex jimplimenta l-UNSCR 1973(2011).
- (3) Fit-22 ta' Settembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/625/PESK ⁽³⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK sabiex jimplimenta l-UNSCR 2009 (2011).
- (4) Fl-10 ta' Novembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/729/PESK ⁽⁴⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK sabiex jimplimenta l-UNSCR 2016 (2011).
- (5) Fis-16 ta' Diċembru 2011, il-Kumitat ta' Sigurtà tal-Kunsill stabbilit konformement mal-UNSCR 1970 (2011), filwaqt li aġixxa skont il-paragrafu 19 tal-UNSCR 2009(2011), iddeċċeda li jneħħi l-indikazzjoni relatata ma' żewġ entitajiet.

Artikolu 1

L-Artikolu 6(1a) tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

“1a. Il-fondi kollha, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi kollha, li huma l-proprietà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettamenti, minn:

- (a) Libyan Investment Authority; u
- (b) Libyan Africa Investment Portfolio,

li huma ffriżati mis-16 ta' Settembru 2011 għandhom jibqgħu ffriżati.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

⁽¹⁾ ĠU L 58, 3.3.2011, p. 53.

⁽²⁾ ĠU L 78, 24.3.2011, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 246, 23.9.2011, p. 30.

⁽⁴⁾ ĠU L 293, 11.11.2011, p. 35.